# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta’ nhar t-Tnejn 21 ta’ Jannar 2002**

**Avviz. numru 76/97**

**Numru 25**

**Franklin Patrick Leeks**

**vs**

**Duncan Tanti**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur is-somma ta’ Lm783.85,0 danni kagonati fil-vettura tieghu A 4684 meta b’imprudenza, nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, traskuragini waqt li kien qed issuq il-vettura HOT 069 proprieta ta’ missieru Emmanuel dahal bl-imsemmija karozza fuq il-karozza tal-attur A 4684 il-Hamis 28 ta’ Dicembru 1995 f’Nofs il-lejl, f’Xemxija Hill, San Pawl il-Bahar.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittri ufficjali tas-7 ta' Novembru 1996 u bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 6 tal-atti) li biha eccepixxa illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante:

(1) illi ghall-incident meritu tal-kawza kien jahti unikament l-attur u;

(2) illi l-vettura misjuqa mill-attur kellha pre-accident market value ta' Lm600 li minn dan il-valur ghandu jitnaqqas Lm100 tal-valur tar-"wreck".

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkusidrat

Illi l-attur spjega (a fol 29 et seq ibid) li, ghall-habta tal-11.30p.m. tal-lejl in kwistjoni meta ghamlet ix-xita, hu kien niezel, bil-karozza tieghu,

fix-Xemxija, gej mid-direzzjoni tal-Mellieha. F’daqqa wahda anzi “habta u sabta”, karozza, li kienet parkeggata fuq in-naha tax-xellug tieghu, “qabdet qalghet u harget fid-direzzjoni biex titla’ l-fuq u cjoe fid-direzzjoni tal-Mellieha”. Ghalhekk hu ghafas il-”brake” tieghu izda saret il-habta. Inoltre, bhala konsegwenza, hu laqat karozza ohra fuq ix-xellug tieghu. In rigward dan il-punt, hu ppreciza li l-ewwel kien habat mal-vettura l-ohra minhabba li ghamel tentattiv sabiex jevita li jolqot il-vettura misjuqa mill-konvenut (ara d-dokumenti esebiti minnu u li jinsabu minn fol 11 sa fol 28 tal-atti in konnessjoni mal-valur ta’ danni involuti).

Illi gie prodott xhud mill-attur, liema xhud habib tieghu kien qed jsuq immedjatament wara l-karozza tal-attur. Difatti <u>Stephen Muscat</u> (fol 36 et seq ibid) ukoll issottolinea li kien ra karozza hierga fid-direzzjoni tal-Mellieha minn naha tax-xellug u b’hekk issir il-habta in esami. Hu kompla jghid li l-attur kien habat l-ewwel mal-karozza tal-konvenut sussegwentement ma karozza ohra waqt li eskluda li l-karozza tal-attur skiddjat (ara ukoll ix-xhieda ta’ <u>Aldo Farrugia</u> a fol 51 et seq ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi dwar il-lokalita’ tal-incident u l-posizzjoni tat-tlett karozzi involuti, wara din il-habta, ssir referenza ghall-<u>iskizz</u> sottomess minn PS 1422

Joseph Mercieca (fol 47 tal-atti). L-istess xhud (fol 43 et seq ibid) indika li ma kien sab ebda “brake mark” fuq il-post tal-incident li l-art kienet imxarrba bix-xita (ara ukoll ir-rapport anness a fol 46).

Ikkunsidrat

Illi meta xehed il-konvenut (fol 63 et seq ibid) dan specifikatament qal li kien parkeggat fuq in-naha tat-triq fejn hemm l-istabilment imsemmi minnu “startjajt il-karozza tieghi u hrigt”. Pero’ giet karozza ohra “iddur u taghqad. Nahseb minhabba skiddjatura” u wara li habtet ma karozza ohra hemm parkeggata, dahlet go dik misjuqa minnu avolja ghamel tentattiv sabiex jevita’ il-habta.

Ikkunsidrat

Illi, sintetizzati l-provi, jidher evidenti anke mix-xhieda tal-istess konvenut, li hu ma hax il-prekawzjonijiet rikjesti minnu sabiex jara li ma kienx gej traffiku mid-direzzjoni ta’ fejn kienu nezlin l-attur u shabu. Difatti dan l-incident jidher li gie unikament kawzat minn dan in-nuqqas da parti tal-konvenut li ma harisx sabiex jara li ma kienx gej traffiku mid-direzzjoni msemmija qabel ma hareg minn fejn kien parkeggat.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward id-danni pretizi fl-avviz, l-attur xehed li aktarx il-karozza tieghu kienet “beyond economical repair” u skond “survey” li sar mis-socjeta’ assikuratrici tal-konvenut, il-karozza tieghu kienet giet stmata “ex parte” Lm600 bhala “pre-accident value”. Pero l-ammont ta’ danni pretizi jidher gustifikat mid-dokumenti kollha annessi minn fol 11 et seq ibid.

Ikkunsidrat

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghal-kollizjoni in esami minhabba imprudenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-isess konvenut;

2. tillikwida l-ammont ta’ danni fis-somma ta’ Lm 783.85,0 u;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta’ Lm783.85,0 bl-imghax legali mill-20 ta’ Jannar 1997 sad-data tal-

pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Novembru 1996.

Alan Calleja
Deputat Registratur